MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1562/2002

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta'l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta'l-Enemalta**

**vs**

**Stephanie Sciberras u b'ordni tat-Tribunal moghti fis-16 ta' Dicembru 2002 giet awtorizzata l-kjamata fil-kawza ta' Sonia Azzopardi u b'digriet iehor tas-7 ta' Marzu 2003, gie revokat contrario imperio id-digriet ghas-sejha fil-kawza ta' Sonia Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici proprio et. nominee s-somma ta' erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm485.26) rappresentanti kontijiet pendenti ghal konsum ta'l-ilma u kera ta' meter ta'l-ilma li jammonta ghal Lm73.54 u Lm411.72 ghall-konsum ta'l-elettriku u

kera ta' meter ta'l-elettriku fil-fond 178/1, Triq San Mikiel, Bormla ghall-perijodu bejn il-21 ta' Marzu 1988 sa'l-1 ta' Ottubru 1991 skond il-kont numru 670/24270(1) u id-dokumenti annessi ma'l-avviz immarkati bhala Dokumenti WSC1 u WSC2.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm3.27 spejjez ta'l-ittra ufficjali tal-15 ta' Lulju 1994 u Lm8.50 spejjez ta'l-ittra ufficjali tat-13 ta' Lulju 1999 u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta imressqa mill-konvenuta fid-29 ta' Lulju 2002 fejn hija ecceppiet:
1. Fl-ewwel lok t-talba attrici hija preskritta skond l-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont ma huwiex dovut mill-konvenuta stante li hija ma kenitx tokkupa l-fond in kwistjoni fil-perijodu li ghalih qed tirreferi t-talba.

Illi b'digriet tas-16 ta' Dicembru 2002, it-Tribunal awtorizza l-kjamata fil-kawza ta' Sonia Azzopardi u dana fuq talba maghmula mill-konvenuta b'rikors datat 9 ta' Dicembru 2002. Izda peress illi l-konevnuta wriet nuqqas ta' interess fil-kawza u nonostante diversi opportunitajiet li inghatat, hija naqqset illi tinnotifika l-kjamat fil-kawza bl-avviz, it-Tribunal irrevoka id-digrreit tieghu tas-16 ta' Dicembru 2002 contrario imperio u dana permezz ta' digriet iehor datat 7 ta' Marzu 2003.

Sema' x-xhieda ta' Sergio Spiteri, rapprezentant tac-Chief Electoral Commissioner, ta' Antonella Axisa u ta' Antoinette Casha, lkoll xhieda imressqa mill-Korporazzjoni attrici.

Illi ghalkemm l-konvenuta inghatat diversi opportunitajiet sabiex tressaq ix-xhieda taghha, hija naqqset li taghmel dan u anke naqqset li tattendi ghas-seduti quddiem it-Tribunal, u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u cioe' dik tal-preskrizzjoni a tenur ta'l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili tal-hames snin, jirrizulta illi l-kont li dwaru qed jintalab il-hlas jirreferi ghal perijodu bejn il-21 ta' Marzu 1988 sa'l-1 ta' Ottubru 1991. Illi l-ittri ufficjali li gew debitament innotifikati lill-konvenuta igibu id-dati tal-15 ta' Lulju 1994 u it-tieni wahda tat-13 ta' Lulju 1999 (Dokumenti WSC3 u WSC4). Kwindi l-preskrizzjoni giet interrotta darbtejn, l-ewwel fl-1994, meta me kenux ghaddew il-hames snin mill-1 ta' Ottubru 1991 (data meta inhareg l-ahhar kont) u t-tieni darba fl-1999, meta l-perijodu ta' hames snin ma kienx idekorra. (Il-konvenuta giet innottifikata bl-ewwel ittra ufficjali fid-19 ta' Lulju 1994 u bit-tieni ittra ufficjali fis-16 ta' Lulju 1999). Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta qed tigi michuda.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u cioe' illi hija ma kenitx tokkupa il-fond 178/1, Triq San Mikiel, Bormla fil-perijodu illi ghalih qieghed jntalab il-hlas, it-Tribunal josserva illi fl-ewwel lok l-konvenuta naqqset li tressaq provi in sostenn ta' din l-eccezzjoni u fi kwalunkwe kaz mill-provi prodotti mill-Korporazzjoni attrici jirrizulta altrimenti (xhied ta' Sergio Spiteri u ta' Annunziata Casha, kif ukoll id-Dokument AC1) u cioe' illi hija kienet irregistrata li tghix f'dan l-indirizz, kif ukoll illi hija tat avviz lill-Korporazzjoni dwar il-bdil tal-konsumatur f'Settembru 1991. Illi ghalhekk anke it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi michuda.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal, filwaqt li jichad l-ececzzjonijeit sollevati mill-konvenuta, jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici proprio et. nomine s-somma ta' erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm485.26)bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittri ufficjali tal-15 ta’ Lulju 1994 u tat-13 ta’ Lulju 1999 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------